**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF DR JOSEPH ZAMMIT McKEON - AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF DR ABIGAIL LOFARO LLD**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta ta' l-Erbgha 31 ta' Ottubru 2018**

**Att ta' l-Akkuza numru 27/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Richard Grech**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att ta' l-Akkuza imressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fejn wara li ippremetta :

**Fl-Ewwel Kap** illi f'xi zmien fis-sajf tas-sena elfejn (2000) l-akkuzat Richard Grech, li kien joqghod f'appartament gewwa San Gwann, innota li xi darbtejn fil-gimgha, kmieni filghodu, kienet tigi persuna b'karozza bajda fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' San Gwann biex tiddeposita xi basktijiet. L-akkuzat dahhalha f'rasu li din setghet tkun opportunità biex jaghmel serqa tajba. Ghalhekk huwa tkellem ma' xi persuni ohra li accettaw li jghinuh f'din l-operazzjoni. Fit-18 ta' Settembru ta' dik is-sena, ftit wara l-hamsa ta' filghodu, Richard Grech flimkien ma' tlett persuni ohra marru bil-karozza jistennew lil din il-persuna tiddeposita l-basktijiet fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' San Gwann. Ghall-habta tal-hamsa u nofs tfacca messaggier tal-bank, Alphonse Ferriggi, sabiex jiddeposita xi basktijiet gewwa kaxxa apposita li tinstab mal-faccata ta' dan il-bank. Kif nizel mill-vettura u fetah il-luggage booth u hareg il-basktijiet, l-akkuzat u l-persuni li kienu mieghu hargu mill-vettura taghhom, ippuntaw senter lejn Ferriggi u, dolozament, bil-hsieb li joqtluh jew iqieghdulu hajtu f'periklu car, tawh tir go rasu. Alphonse Ferriggi miet ftit minuti wara kawza tal-griehi li sofra. B'hekk Richard Grech heles mill-uniku xkiel li kellu biex jikkommetti s-serqa ppjanata.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati ta' omicidju volontarju u cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, hati ta' omicidju volontarju u cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghallhtija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fit-Tieni Kap** illi f'xi zmien fis-sajf tas-sena elfejn (2000) l-akkuzat Richard Grech, li kien joqghod f'appartament gewwa San Gwann, innota li xi darbtejn fil-gimgha, kmieni filghodu, kienet tigi persuna b'karozza bajda fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' San Gwann biex tiddeposita xi basktijiet. L-akkuzat dahhalha f'rasu li dawn il-

basktijiet kienu jkunu jikkontjenu xi kwantità ta' flus u ghalhekk iddecieda li, f'okkazzjoni minnhom, jisraq dawn il-basktijiet. Grech tkellem ma' xi persuni ohra li accettaw li jghinuh f'din l-operazzjoni. In esekuzzjoni ta' dan il-hsieb nefarju tieghu, fit-18 ta' Settembru ta' dik is-sena, ftit wara l-hamsa ta' filghodu, Richard Grech flimkien ma' tlett persuni ohra marru bil-karozza jistennew lil din il-persuna tiddeposita l-basktijiet fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' San Gwann. Ghall-habta tal-hamsa u nofs, u cioè qabel it-tlugh tax-xemx, tfacca messaggier tal-bank, Alphonse Ferriggi, sabiex jiddeposita xi basktijiet gewwa kaxxa apposita li tinstab mal-faccata ta' dan il-bank. Kif nizel mill-vettura u fetah il-luggage booth u hareg il-basktijiet, l-akkuzat u l-persuni li kienu mieghu, li kienu kollha mghammdin, hargu mill-vettura taghhom, ippuntaw senter lejn Ferriggi u, dolozament, bil-hsieb li joqtluh jew iqieghdulu hajtu f'periklu car, tawh tir go rasu u qatluh biex b'hekk eliminaw kull xkiel li seta' jkollhom fl-esekuzzjoni tas-serqa ppjanata. Huma mbaghad hadu u serqu tlett basktijiet, a dannu u kontra l-volontà tas-sidien tal-Bank of Valletta u ta' persuni ohra. Dawn il-basktijiet kienu jikkontjenu biss materjal tal-posta.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati ta' serq, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, sar hati ta' serq, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru, skond dak li hemm u jintqal flartikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 272, 275, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fit-Tielet Kap** illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kap ta'l-att ta' akkuza, u cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Richard Grech, flimkien ma' persuni ohra, ppuntaw senter lejn Alphonse Ferriggi u ftit mumenti wara tawh tir go rasu u qatluh. F'dawk il-ftit mumenti Ferriggi gie mizmum kontra l-volontà tieghu u l-libertà tieghu ta' moviment giet impeduta. L-akkuzat ma kellux ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u c-cirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil xi hadd.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, sar hati talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fir-Raba' Kap**, illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta'l-att ta' akkuza, u cioè nhar it-18 ta' Settembru tassena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Richard Grech flimkien ma' persuni ohra, gewwa t-toroq ta' San Gwann, dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil Alphonse Ferriggi jew li jqieghdulu hajtu f'periklu car, tawh tir ta' senter go rasu u fil-fatt qatluh. Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkuzat kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta' Alphonse Ferriggi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fil-Hames Kap** illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti tal-att ta' akkuza, u cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Richard Grech flimkien ma' persuni ohra, fi triq pubblika f'San Gwann, spara arma tan-nar kif fuq spjegat, minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel hekk.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn disa' xhur u multa ta' mhux anqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn mitejn lira skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kap. 33), u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fis-Sitt Kap**, illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, u cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa t-

toroq pubblici ta' San Gwann, l-akkuzat Richard Grech kellu f'idejh arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt, flimkien ma' persuni ohra, spara din l-arma kif intqal fil-kapi precedenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' hames xhur sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fis-Seba' Kap**, illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta'l-att ta' akkuza, u cioè nhar it-18 ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, l-akkuzat Richard Grech, flimkien ma' persuni ohra, volontarjament sparaw tir ta' senter lejn Alphonse Ferriggi u ghamlu hsara volontarja fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBF-192 li kienet qed tintuza mill-imsemmi Ferriggi. Din il-vettura kienet proprjetà tas-sidien tal-Bank of Valletta u ta' persuni ohra. Saret hsara wkoll f'bieb tal-bank tant li kellu jinbidel. Il-hsara kienet tammonta komplessivament ghal izjed minn hamsin lira izda mhux izjed minn hames mitt lira.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa tmintax-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(b) [illum 325(1)(b)], 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**Fit-Tmien Kap,** illi fis-17 ta' Settembru tas-sena 2000, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija, Alessandro Loporto kien ghaddej minn tas-Sliema bil-vettura tieghu ta' l-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni SAN-578 u ddecieda li jieqaf jixtri pakkett sigaretti. Loporto waqqaf il-karozza quddiem il-Preluna Hotel hdejn tat-taxis, halla c-cwievet go fiha, u hareg jixtri dawn-is-sigaretti. Dak il-hin kienu ghaddejin fl-akkwati l-akkuzat Richard Grech u xi persuni ohra li kienu mieghu. Dawn indunaw li dik il-vettura kellha c-cwievet go fiha u serquha, a dannu u kontra l-volontà ta' l-imsemmi Alessandro Loporto. Din il-vettura, li fil-mument tas-serqa kien fiha wkoll Clarion CD player, pouch b'xi tnax-il CD u ftit ghodda (liema oggetti komplessivament kienu jiswew 'l fuq minn mitt lira), kienet tiswa xi sebat-elef lira (Lm7000).

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech sar hati ta' serq, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Richard Grech" tal-21 ta' Marzu, 1996, l-akkuzat Richard Grech instab hati ta' diversi delitti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Grech, recidiv f'delitt, sar hati ta' serq, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar sa disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261©(g), 267, 271(g), 279(b), 280, 281, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Mejju 2011 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dakinhar stess li bih :

**Bi tmien (8 ) voti favur u b' wieħed (1) kontra, sabu lill-akkuzat Richard Grech hati skond l-Ewwel kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Unanimament sabu lil Richard Grech hati bhala awtur skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi l-aggravanti tal-vjolenza tikkonsisti filli s-serq sar flimkien ma' omicidju, ma' sekwestru ta' persuna w ghax il-halliel jew hallelin ippreżentaw ruħhom aktar minn tnejn għad li ma kinux armati u bl-aggravanti tal-mezz li kien jikkonsisti fi ksur ta' qofol li qeghdin biex isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarijiet jew reċipjenti ohra w kull ksur ta' kaxxa, senduq jew recipjent iehor sahansitra jekk dan il-ksur ma sarx fil-lok fejn sar is-serq u bl-aggravanti tal-ħin.**

**Unanimament sabu lil Richard Grech hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8 ) voti favur u b' wiehed (1) vot kontra sabu lil Richard Grech hati skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u b'wiehed (1) vot kontra sabu lil Richard Grech hati skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u b'wiehed (1) vot kontra sabu lil Richard Grech hati skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u b'wiehed (1) vot kontra sabu lil Richard Grech hati skond is-Seba' Kap tal-Att tal-akkuza.**

**B' tmien (8) voti favur u b'wiehed (1) vot kontra sabu lil Richard Grech hati skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza mhux bħala awtur iżda bħala kompliċi u cioe' ta' serq bl-**

**aggravju tal-valur u dan billi l-valur kien jeċċedi l-elf lira maltin u bl-aggravju tax-xorta tal-ħaġa misruqa.**

**3.** Rat li ma kienx hemm kontestazzjoni min-naħa tad-difiża għall-addebitu tar-reċidiva skont l-Att tal-Akkuża.

**4.** Ghalhekk iddikjarat lil Richard Grech, recidiv, hati talli:

i. f'xi zmien fis-sajf tas-sena 2000, f'San Gwann, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

ii. f'xi zmien fis-sajf tas-sena 2000, f'San Gwann, sar hati ta' serq, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

iii. fit-18 ta' Settembru, 2000 ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu gewwa San Gwann, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

iv. fit-18 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu, gewwa t-toroq ta' San Gwann, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

v. fit-18 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu, gewwa San Gwann, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.

vi. fit-18 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu gewwa t-toroq pubblici ta' San Gwann, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.

vii. fit-18 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu gewwa San Gwann, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira, u dana skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

viii. fis-17 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija, minn tas-Sliema, sar hati ta' kompliċi f'serq, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa, u dan skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza.

**5**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 271(g), 272, 275, 279(b), 280, 281, 325(b) [illum 325(1)(b)] 86, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 3(1A) u 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66), illum artikolu 5(1), 51(2) u 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480), l-artikolu 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplozivi (Kap. 33), ikkundannat lill-hati Richard Grech ghall-piena ta' prigunerija għal għomru. Inoltre kien ikkundannat sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' kwart tal-ispejjez peritali inkorsi f' din il-kawza w cioe' tnax-il elf tlitt mija w sitta w tletin Euro w tmenin centezmi (€12,336.80) li jammontaw għal €3,084.20, u dana in vista tal-fatt li li f'dan id-delitt kien hemm il-ko-involviment ta' terzi persuni li ghad iridu jew jistghu jigu processati dwar l-istess delitt, liema spejjez peritali jekk ma jithallsux fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-Ligi.

**6.** Rat ir-rikors tal-appell li pprezenta l-akkuzat Richard Grech fil-31 ta' Mejju 2011 li bih u ghar-ragunijiet indikati talab lil din il-Qorti tirrevoka l-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Mejju 2011 u minflok tilliberaħ minn kull ħtija u piena, u jekk ikun il-kaz tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja.

**7.** Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tat-28 ta' Frar 2014.

**8.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**9**. Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat :**

**10.** Illi l-lanjanza ewlenija li fuqha l-appellant isejjes l-appell tieghu, hija marbuta mal-apprezzament tal-provi li sar mill-gurati. Skont l-appellant, l-apprezzament li sar mill-gurati kien zbaljat u wassal ghal verdett erronju fit-termini tal-Artikolu 501(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant ighid li jsibha diffiċli jifhem kif il-ġurati setgħu, b'ċertezza morali, jikkonkludu li huwa ħati tal-akkużi kif addebitati lilu fl-Att tal-Akkuża. Jishaq illi l-Prosekuzzjoni ma pproduċietx prova waħda li setgħet tikkonvinċi lill-ġurati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hu kien preżenti fuq il-post fejn kien kommess ir-reat, fil-mument li seħħet is-serqa, u l-qtil ta' Alphonse Ferriggi; dan apparti l-aggravju dwar l-

*quantum* tal-piena li, fil-fehma tal-appellant, kienet eccessiva u mhux idonja ghal fattispecje tal-kaz.

**11.** Min-naha tieghu, l-Avukat Ġenerali jilqa' ghall-appell billi jinsisti illi kienu bizzejjed il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni sabiex il-ġurati – raġjonevolment u legalment – jaslu għal decizjoni ta' htija. Il-verdett kien fondat fuq ix-xiehda ta\` aktar minn persuna waħda li kkonfermaw illi l-appellant kien stqarr magħhom li kien hu li spara lil Ferriggi. Dan kien ikkonfermat mill-appellant stess fil-kors tal-kontro-eżami waqt il-guri fejn ammetta illi huwa kien stqarr dak id-diskors, liema affermazzjoni allura tikkostitwixxi konfessjoni għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Maghdud ma' dan, jistqarr l-Avukat Generali illi l-Qorti ma tistax twarrab ix-xiehda moghtija mix-xhud Joseph Zammit, kif ukoll il-provi forensici konsistenti mir-rapporti tal-esperti tal-ballistika u tas-serologija li jkomplu jorbtu lill-appellant mar-reati li seħħew. Ghalhekk, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, kemm il-verdett kif ukoll il-piena nflitta m'għandhomx jiġu disturbati.

**Ikkunsidrat :**

**12**. Illi din il-Qorti kemm-il darba tishaq, in linea ma\` gurisprudenza kostanti ta\` dawn il-qrati, illi meta tkun rinfaccjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi toqghod lura milli tiddisturba l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti[1].

[1] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008 Ara, ukoll fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine

**13.** Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-dettami tal-Artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dan il-każ l-imhallfin tal-fatt kellhom il-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux biss jisimghu il-provi, iżda li jaghmlu evalwazzjoni ta' l-imġieba u l-komportament tax-xhieda li ddeponew quddiemhom, u liema analiżi kienet essenzjali sabiex il-gurati jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif l-ewwel aggravju huwa impostat, din il-Qorti sejra tqis il-provi li gabet il-Prosekuzzjoni sabiex tistabilixxi jekk il-ġurati setgħux b'mod raġonevoli imsejjes fuq il-principji tad-dritt penali, kif ben diretti mill-Imhallef li ippresjeda l-guri, jaslu għall-verdett tagħhom. Kif inghad preciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha tal-1 ta` Dicembru 1994 fil-kaz "**<u>Ir-Repubblika vs Ivan Gatt</u>**" :-

> **"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

**14.** Illi l-appellant isib oggezzjoni b'mod ewlieni ghal dak li - skont hu - kien nuqqas ta' kredibilita` tal-komplici tieghu Joseph Zammit. Dan Zammit seta' joffri d-deposizzjoni tieghu fil-kors tal-guri billi l-kaz tieghu kien għadda in ġudikat[2]. Fil-fehma tal-appellant, dak li xehed dan Zammit kien determinanti ghall-verdett ta' htija milhuq mill-gurati. Tajjeb jinghad li Zammit kien xhud riluttanti matul il-kors tal-

---

Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Folio 131 mit-traskrizzjonijiet tal-ġuri u datat it-3 ta' Mejju 2011.

guri tant illi biddel il-verzjoni tieghu: kemm lill-pulizija *a tempo vergine*; kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda diversi drabi, fejn cahad il-veracita' ta' dak li kien stqarr mal-ufficjali investigattivi, jew inkella lmenta minn amnesija totali. Fil-fatt wara l-ewwel deposizzjoni tieghu nzamm appartat tant li rega` ddepona l-ghada meta ddeskriva dak li sehh fl-ghodwa tat-18 ta' Settembru 2000.

**15**. Jirrizulta li Zammit kien wiehed mill-komplici fil-kommissjoni tad-delitt *de quo*, li ghalkemm ma akkompanjax lill-malviventi l-ohra fuq ix-xena tar-reat, madanakollu kien il-persuna li stenna lill-komplici tieghu ftit distanza 'il boghod b'*getaway car*. Zammit xehed illi dakinhar li sehh l-event kriminuz, hu kien rieqed id-dar tiegħu l-Floriana. Kmieni filgħodu marru tlett persuni għaliħ b'vettura, li kienet ta' kulur aħmar, x'aktarx tal-ghamla Mazda li kienet karozza tal-kiri. Dawn il-persuni kienu Chris Scerri maghruf bhala l-Gazetti jew Buttuni, James Vella maghruf bhala l-Fraser u Ritchie, magħruf bħala z-Zinnanna li x-xhud jaghraf fil-persuna tal-appellant. Ghalkemm jikkontendi illi s-siehba tieghu Rita Gauci oggezzjonat illi jmur ma` dawk in-nies, li kienu gharrfuh xi zmien qabel li kienu ser jikkomettu serqa mill-bank ta' San Gwann, u ghalkemm anke hu stess ma xtaqx imur maghhom, jixhed li accetta li jmur maghhom xorta wahda. Kien infurmat illi s-serqa kellha issir minn go vann li kien ikun kmieni filghodu hdejn il-bank San Gwann, izda baqa` riluttanti fid-deposizzjoni tieghu.

Jixhed illi kif waslu San Gwann it-tlieta min-nies li kienu qed jakkompanjawh nizlu mill-vettura u rikbu go vettura ohra ta' lewn iswed, li jinsa x'ghamla kienet, imma jiftakar li kienet gdida. Jikkonferma illi l-vettura s-sewda instaqet mill-Fraser bi Chris Scerri bilqieghda hdejh bhala passiggier[3] u Grech riekeb wara[4]. Ghalkemm titubanti dwar l-involviment tal-appellant fis-serqa jichad illi huma

[3] Folio 207 mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Zammit matul il-ġuri.

[4] Folio 209 u 210 mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Zammit matul il-ġuri.

kienu wasslu lil Richard Grech il-Mensija qabel it-twettieq tas-serqa u li dan ma kienx akkompanja lit-tnejn l-ohra fil-kommissjoni tar-reat. Jikkonferma finalment illi Richard Grech kien riekeb mat-tnejn l-ohra fil-vettura is-sewda uzata waqt id-delitt.

**16**. Zammit ikompli jixhed illi huwa erhilha lejn Birkirkara bil-vettura Mazda, fejn hemmhekk pejjep sigarett u ghamel xi hin jistenna lill-ohrajn jigu lura, izda wara li ghadda xi hin, telaq lejn id-dar fejn dahal fis-sodda u meta xeghel it-televizjoni sema` r-rapporti dwar id-delitt li kien sehh. Zammit jichad illi tkellem ma` certu Toni Frendo, maghruf bhala l-Ballerin, dwar id-delitt. Ighid li kien sema li dan Frendo kien gie offrut xi flus biex jaghti informazzjoni dwar il-kommissjoni tar-reat. Finalment jilmenta illi hu u l-familja tieghu kienu gew mhedda wara li sehh id-delitt.

**17**. L-appellant isib oggezzjoni ukoll ghall-ammissibilita` bhala prova tal-konfessjonijiet extra-gudizzjarji li allegatament saru minnu lil xi hbieb tieghu, liema persuni ngiebu biex jixhdu fil-kors tal-guri.

**18.** Ghandu jinghad illi konfessjoni li tkun saret mill-persuna akkuzata tikkostitwixxi prova. Izda l-ligi penali taghmel distinzjoni bejn il-konfessjoni gudizzjarja u ghalhekk mehuda minn xi awtorita' skont il-ligi, u dik extra-gudizzjarja, b'dan illi din tal-ahhar tkun tinnecessita dejjem provi korroborattivi ghalbiex fuqhom tista' tissejjes ir-reita'. Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament komposta tat-3 ta` Dicembru 2004 fil-kawza "**<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja</u>**" jinghad :-

> **"Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun**

**saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '.... *Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admisible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnessess.*(Archbold page 376)"**

**19**. Ghalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bhala prova, madanakollu min irid jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira meta ikun hemm ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita investigattiva jew gudizzjarja, fejn allura jrid isir stharrig mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza ohra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u cioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoci li jaghtu is-sahha lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji.

**20**. Illi fil-kaz in disamina kien hemm iktar minn xhud wiehed, konoxxenti tal-appellant, li jistqarru li l-appellant kien qerr maghhom dwar l-involviment tieghu fil-*hold-up* u l-qtil ta' Alphonse Ferriggi. Dawn kollha kienu xhieda riluttanti fosthom Carmel Borg[5] li ghalkemm *a tempo vergine* mal-espert Perit Richard Aquilina kien stqarr illi l-appellant, kemm qabel kif ukoll wara t-twettieq tad-delitt, kien ammetta mieghu l-involviment tieghu f'din is-serqa, madanakollu sussegwentement jichad illi kien qal dan id-diskors. Jixhed dwar in-nuqqas ta' affidabbilita` ta' Tony Frendo maghruf bhala il-Ballerin. Ighid li billi kien jabbuża mid-droga dak iż-żmien hu ma kienx jaf x'qed jiġri madwaru.

[5] Folio 143 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat it-3 ta' Mejju 2011.

**21.** Mix-xiehda ta' Alexia Borg li saret is-siehba tal-appellant wara l-kommissjoni tar-reat, kif ukoll dik ta' certu Justin Fenech[6] johrog illi l-appellant ukoll kien qerr maghhom, f'okkazjonijiet separati, dwar l-involviment tieghu fil-kommissjoni tad-delitt tant illi huwa kien ammetta li kien spara lil Ferriggi u qatlu. Ghalkemm it-tnejn jistqarru illi l-appellant kellu l-vizzju tax-xorb madanakollu jichdu illi huwa kien xurban meta ghamel din il-konfessjoni maghhom.[7] Borg izzid fix-xiehda taghha illi fl-ghodwa wara li sehhet is-serqa kienet niżlet il-bandli fejn iltaqghet mal-appellant li kien abjad karti u meta staqsietu x'kien ġara, huwa wegibha li qatel bniedem. Ighidilha li raħ jiċċaqlaq u ħaseb li kien ser jispara għal sieħbu. Borg hawnhekk tiftakar fid-diskors li kienet semghet lill-appellant ighid gewwa l-Mensija Bar, San Gwann, qabel l-incident illi kien ser jagħmel biċċa xogħol li kien ser jaqla' l-flus minnha imma ma kienx speċifika eżattament x'kien ser jagħmel. Dan kien madwar ġimgħatejn qabel il-każ. Tikkonferma illi l-bank jinsab bejn wieħed u ieħor faċċata l-blokk bini fejn kien jabita l-appellant.

**22.** Illi Tony Frendo, maghruf bhala l-Ballerin, miet fil-mori tal-proceduri u ghalhekk inqrat lill-gurati x-xiehda li kien ta quddiem il-Qorti Struttorja, kif ukoll saret referenza ghad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud quddiem l-espert tal-qorti Perit Richard Aquilina. Illi Frendo jikkontendi illi kien Joseph Zammit stess li qerr mieghu li kien involut fil-*hold-up* fuq il-bank flimkien mal-appellant, il-Fraser u Buttuni, u li kien l-appellant li spara l-arma tan-nar li qatlet lil Ferriggi.[8]

**23.** Xhud iehor riluttanti kien George Debono[9] li kien il-persuna li kera l-vettura tal-għamla Mazda 121 Bubble ħamra bin-numru EAK

---

[6] Folio 281 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datat il-5 ta' Mejju 2011.
[7] Folio 149 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datata t-3 ta' Mejju 2011.
[8] Folio 249 tal-atti kumpilatorji datata l-4 ta' Frar 2003 fit-tieni volum fl-atti kumpilatorji.
[9] Folio 218 et seq tat-traskrizzjoni tax-xhieda matul il-ġuri.

236 għal madwar tlett ijiem u ftakar li kien sellifha lil ċertu James magħruf bħala l-Fraser biex joħroġ ma` tfajla peress li ma kellux karozza. Dan sehh fil-lejla bejn s-17 u t-18 ta' Settembru 2000 meta kien gabar il-vettura minn ghand il-Fraser għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu u raddha lura lil Ronnie Micallef li kien krihielu. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu fuq il-kuntratt tal-kiri tal-vettura in kwistjoni.

**24.** Dominic Chircop li ma xehedx *viva voce* peress li kien barra minn Malta waqt il-ġuri, izda inqrat ix-xiehda mogħtija minnu matul il-kumpilazzjoni, kien il-persuna li sema` parti minn konversazzjoni bejn Tony Frendo magħruf bħala l-Ballerin u Joseph Zammit l-għada tal-każ fejn stqarr li kien sema` lil Zammit igħid lil Frendo li hu kien baqa' ġol-għalqa u qalilhom (b'referenza ghat-tlett komplici l-ohra) biex ma jisparawx. Dan kien anke ltaqa' mumenti wara ma' James Vella magħruf bħala l-Fraser li kien staqsieħ dwar xiex kienu qeghdin jitkellmu Zammit u Frendo u jekk fil-fatt semmewx lilu. Ix-xhud ikkonferma li kienu qeghdin jitkellmu dwar il-*hold up* għax il-Ballerin kien ikkonferma dan il-fatt xahrejn wara li kien iltaqa` miegħu.

**25.** Illi fid-deposizzjoni tieghu ix-xhud Frans Zammit [10]ighid li kien innota il-vettura WV Golf Sewda pparkjata għall-ħabta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu, b'persuna ġo fiha x'aktarx rieqda wara l-*low loader* tiegħu fi Triq San Ġiljan, Birkirkara. Dan l-istess xhud ikkonferma li wara li mar Santa Venera bl-inġenji tiegħu u reġa` rritorna lura fl-istess triq għall-ħabta tas-sitta nieqes għaxra ta' filgħodu, hu nnota li l-istess vettura kienet għada pparkjata hemmhekk iżda din id-darba ma kien hemm ħadd ġo fiha u din il-vettura kienet resqet lura minn fejn kienet oriġinarjament meta ra l-ewwel darba.

[10] Folio 104 tat-traskrizzjoni tax-xhieda matul il-ġuri u datat it-3 ta' Mejju 2011d-deposizzjoni kif ukoll folio 362 et seq fit-tieni Volum fl-atti kumpilatorji.

**26.** Rita Gauci[11] s-siehba ta` Joseph Zammit tikkonferma illi fl-ghodwa tat-18 ta' Settembru 2000 tiftakar illi ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu kienu marru tlett persuni ghal Zammit. Ghalkemm riluttanti Zammit kien rikeb maghhom fil-vettura li hija tghid li kienet ta' lewn *wine* tat-tip Datsun. Zammit irritorna id-dar ghal habta tas-sitta ta' filgħodu għax kien ħa rikba ma` ħaddieħor.

**27.** L-appellant irrinunzja ghall-jedd tieghu ghas-silenzju u xehed fil-kors tal-guri nhar is-6 ta' Mejju 2011[12]. Ghalkemm ma jichadx illi saret din l-"ammissjoni" minnu ma' dawk ix-xhieda dwar l-involviment tieghu fis-serqa u l-qtil kemm qabel kif ukoll wara li sehh l-event kriminuz, madanakollu jishaq illi kien qal dan id-diskors biex jiftahar, bhala "*bluff*", u jghid ukoll illi kien ammetta li hu qatel lil Ferriggi, ghaliex kien mhedded mill-Fraser.

**28.** Mix-xiehda tal-appellant johorgu is-segwenti fatti saljenti :-

i. L-appellant kellu problema serja tad-droga fiz-zmien meta sehh l-event kriminuz mertu ta' dawn il-proceduri u kien ukoll ikun spiss fis-sakra, tant illi kien jixrob flixkun inbid f'temp ta' żewġ minuti jew tlieta.

ii. L-appellant kien jiffrekwenta bar gewwa Hal Qormi fejn kienet tigi traffikkata d-droga. Hemmhekk kien jiltaqa' ma'

[11] Folio 115 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri.
[12] Folio 336 et seq tat-traskrizzjoni tax-xhieda matul il-ġuri.

James Vella (il-Fraser), Chris Scerri (Buttuni), Alexia kif ukoll xi nisa oħrajn fosthom nisa miżżewġin.

iii. L-appartament ta' Grech kien faccata tal-fergha tal-Bank of Valletta ta` San Gwann. Vella u Scerri, li gieli raqdu fuq xi saqqijiet fuq il-bejt tar-residenza tieghu, josservaw raġel qed imur il-bank u qed jitfa' xi basktijiet gewwa *security box* fil-faccata tal-bank. Jinfurmaw lill-appellant b'dan u minn hawn jitwieled il-pjan tas-serqa. Isostni li kien il-Fraser il-mohh wara dan id-delitt.

iv. L-appellant jaccetta li jiehu sehem fis-serqa u jissugerixxi lil Joseph Zammit bhala l-persuna li kellu jsuq il-vettura li kellha tintuza waqt is-serqa. Meta avvicinat Zammit jaccetta li jghinhom.

v. Ma kienx hemm ftehim li kellhom jintuzaw armi tan-nar waqt is-serqa. Izda kienu miftehmin li jaqbdu lir-raġel, iżommuħ u joħdulu tlett basktijiet.

vi. Fl-ghodwa tas-serqa l-komplici tieghu jghaddu ghalih ghal habta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu b'karrozza Mazda *Bubble* ħamra. Wara dan huma jmorru ghal Joseph Zammit fir-residenza tieghu.

vii. Minn hemm jerhulha lejn San Gwann sakemm waslu vicin vettura tal-ghamla VW Golf li kienu ser jużaw fis-serqa.

viii. Hawn l-appellant jikkontendi illi talab lill-komplici tieghu iwassluħ lura d-dar għax ried jixrob u wara li xorob l-inbid reġa` niżel magħhom bil-karrozza. Minn hemm regghu marru hdejn il-vettura tal-ghamla Golf, li kienet fil-wied ta' San Gwann. Nizlu u riekbu fiha. Ighid illi hu rikeb fis-seat tal-passiggier. Zammit baqa' fil-vettura l-ohra u beda isegwiehom sakemm hin minnhom infirdu.

ix. Wara li nfirdu minn ma' Zammit u wara li hu rikeb fil-Golf biex imorru jikkommettu s-serqa, l-appellant jafferma illi qabzitlu għax ried jixrob u 'jiddamdam'. Hawn ighid li biddel fehmtu u ma riedx izjed imur mal-Fraser u l-Buttuni biex jikkommetti s-serqa.

x. Il-komplici tieghu jwassluh sa hdejn il-Mensija Bar, San Gwann, filwaqt li huma jibqghu sejrin lejn il-bank mingħajru. Hu jerhilha lejn id-dar minn hawn, ipejjep żewġ sigaretti, jixrob u jorqod. Baqa' rieqed sad-disgħa ta' filgħodu u wara mar Ħal-Qormi fejn semagħhom jgħidu li kien inqatel bniedem.

**29**. Ikkonfrontat bid-deposizzjoni tax-xhieda li stqarrew li hu kien ammetta maghhom li kien spara l-arma tan-nar waqt il-kommissjoni tad-delitt, l-appellant sahaq illi dawk in-nies kien giddbu fuqu ghal diversi ragunijiet, izda ma cahadx fl-istess nifs li qalilhom dak id-diskors ghaliex kien qed jigi imgieghel jaghmel hekk minn James Vella.

Xehed ukoll illi qal id-dikors li kien spara hu biex ihossu kburi u bhala "*bluff*". Fil-fatt jikkontendi illi Vella kien qerr mieghu li kien il-Buttuni u cioe' Chris Scerri li kien spara u qatel lil Ferriggi.

**Ikkunsidrat** :

**30**. Minbarra x-xhieda pajżana fuq indikati, il-Prosekuzzjoni ressqet numru ta' esperti fosthom dawk tal-ballistika li ikkonfermaw li t-tir uniku li kien sparat minn persuna li kienet bil-wieqfa fit-triq kien immirat lejn il-vittma Alphonse Ferriġġi li kien qed iħares lejn min sparalu f'dak il-mument. Jikkonkludu illi fid-dawl ta' fejn instab l-iskartoċċ kif ukoll it-takka li kienet inqasmet f'zewg bicciet kif ukoll fid-dawl tal-ħsarat ikkaġunati fil-vettura Peugeot 306 bajda li kienet fuq il-post fejn instab Ferriggi u li kienet misjuqa mill-vittma qabel ma nqatel, l-isparatura seħħet minn distanza ta' mhux iktar minn ħames (5) metri bogħod, liema distanza tinkludi fiha l-kejl tas-senter innifsu[13]. Inoltre matul it-testimonjanza tagħhom waqt il-ġuri, huma spjegaw kif tiffunzjona l-arma li ntużat fid-delitt. Xehdu : '*l-ewwel ħaġa trid tikkargaħ permezz li ddaħallu l-iskrataċ fil-magazine tiegħu u possibilment tista ddaħallu waħda fil-kanna bil-lest, jew inkella jekk ma ddaħħalx fil-kanna meta umbagħad tikkokkjaħ titla waħda mill-magazine għal ġo l-kanna lesta biex tiġi sparata meta s-safety catch tkun fuq fire u jingħafas il-grillu, u naturalment trid tipponta lejn x'hiex ħa tispara*'[14].

**31**. Il-konklużjonijiet tal-esperti ballistiċi huma konfortati wkoll mill-espert mediko legali Dr. Mario Scerri għal dak li jirrigwarda kemm id-

[13] Folio 173 tal-atti kumpilatorji. Rapport ballistiku magħmul mill-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS154 Jesmond Cassar.
[14] Folio 315 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-esperti ballistiċi matul il-ġuri.

distanza tat-tir tal-arma tan-nar in kwistjoni kif ukoll in-natura tal-ferita ikkaġjonata li, fil-fehma ta' l-espert, kienet immirata lejn Alphonse Ferriggi biex toqtlu jew tal-inqas biex tipperikola ħajtu[15].

**32.** Illi l-i*stills* mis-sistema tas-CCTV tal-bank jikkostitwixxu prova ndizzjarja ferm rilevanti ghall-fattispecje tal-kaz. Dawn il-filmati li ttiehdu mill-*cameras* li kien hemm mal-faccata tal-bank sar l-*enhancement* fuqhom b'ordni tal-Qorti[16] fejn jirriżulta li l-WV Golf li intużat matul is-serqa waslet ħdejn il-vettura ta' Ferriggi fil-5:24:05 ta' filghodu u li l-vittma Ferriggi tilef ħajtu bejn il-ħin tal-5:24:07 u l-5:24:10 u dan apparti riżultanzi oħra f'ħinijiet oħra mill-i*stills* in kwistjoni. *Di piu'* mir-rapporti tal-esperti tax-xena tar-reat jirrizulta illi gew elevati diversi loqom tas-sigaretti minn fejn instabet il-VW Golf sewda li ntużat mill-aggressuri matul is-serqa u l-omiċidju ta' Ferriggi, u cioe' fejn din thalliet gewwa Triq San Giljan, Birkirkara. Illi skont ir-rapport redatt mill-Professur Matthew James Greenhalgh l-eżebit mgħoddi lilu u mmarkat bħala 201 konsistenti f'waħda minn dawn il-loqom elevati minn quddiem din il-vettura, kienet prinċipalment kompatibbli mad-DNA tal-appellant f'dan il-każ[17].

**Ikkunsidrat :**

**33**. Illi qabel kull konsiderazzjoni li din il-Qorti sejra taghmel marbuta mal-ewwel aggravju prospettat mill-appellant dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi, jinghad illi l-appellant mhuwiex qed jikkontesta l-involviment tiegħu fis-serqa li sehhet fl-ghodwa tat-18 ta' Dicembru 2000, b'dan izda li ghalkemm ighid illi huwa assista kemm

[15] Folio 276 mit-traskrizzjoni tax-xhieda tat-Tabib Dr. Mario Scerri matul il-ġuri.
[16] Folio 422 u 424 tal-atti kumpilatorji redatt minn PS516 Alfio Borg
[17] Folio 1037 fil-ħames volum tal-atti kumpilatorji. Ir-rapporti tiegħu jinstabu a folio 67 tal-Proces Verbal kif ukoll Dok MJG a folio 1048 fil-ħames volum tal-atti kumpilatorji li hija kontinwazzjoni tal-ewwel rapport redatt u kkonfermat minn dan l-espert.

lill-awtur kif ukoll lill-komplici l-ohra sabiex ihejju l-pjan ghall-kommissjoni tar-reat, madanakollu jishaq illi fl-ahhar mumenti huwa ddecieda li ma jkomplix jieqaf maghhom fil-waqt tal-kommissjoni tad-delitt.

**34.** Mhux biss izda jishaq illi huwa ma kellu l-ebda għarfien dwar l-użu tal-arma tan-nar u tal-qtil kemm qabel kif ukoll waqt id-delitt u allura qed jikkontesta is-sejbien ta' htija dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza. Dan ghaliex jishaq illi ghalkemm kien fil-kumpanija ta' James Vella magħruf bħala l-Fraser u Chris Scerri magħruf bħala l-Buttuni sa ftit qabel is-serqa, ma kienx magħhom waqt id-delitt u lanqas ma kien hu li spara l-arma li qatlet lil Alphonse Ferriggi.

**35.** Dan ifisser illi ghalkemm l-appellant fir-rikors tieghu ta' l-appell qieghed jitlob illi l-verdett u s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu jigu revokati *in toto*, imbaghad b'mod kontradittorju f'dan l-ewwel aggravju minnu ntentat jammetti l-involviment tieghu biss bhala komplici u mhux bhala awtur tar-reati (ghajr ghat-tmien kap) kif deciz mill-gurati fil-verdett milhuq minnhom.

**36.** Abbazi tar-risultanzi processwali, din il-Qorti tqis illi l-gurati sewwa diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri setghu ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjonijiet minnhom milhuqa u dan ghas-segwenti ragunijiet.

**37.** Illi jibda biex jinghad illi l-appellant jikkonċedi li hu kien tkellem ma` Alexia Borg u Justin Fenech dwar il-qtil kommess fejn refa' r-responsabbilta' tiegħu għal dan id-delitt. Madankollu fejn dawn ix-xhieda flimkien ma` oħrajn (Carmel Borg fosthom) iddikjaraw li hu kien

kellimhom qabel is-serqa dwar dik il-"biċċa xogħol" li kellu u li kienet ser tirrendilu l-flus, hu jgħid li dan id-diskors qatt ma sar. Jishaq illi huwa ammetta li kkometta l-omicidju sabiex jiftaħar ma' sħabu, bil-ghan li jidher fuq ta' quddiem fil-klikka ta' "delinkwenti" li kien jagħmilha magħhom. Ighid ukoll illi James Vella gieghlu jammetti ghal dan il-qtil.

**38.** L-appellant lanqas jiċħad li hu kien fil-kumpanija ta' James Vella u Christopher Scerri fil-mumenti qabel is-serqa, kif fil-fatt ikkonfermat minn Joseph Zammit meta xehed, iżda jisħaq li qalilhom joħduħ id-dar ftit qabel ma kien ser iseħħ id-delitt għax ried imur 'jixrob u jidammdam'[18], fatt li Joseph Zammit ma jistax jixhed dwaru peress li ma kienx magħhom f'dak il-mument. Jisħaq allura li hu ma kellu l-ebda għarfien li kienet ser tintuża arma, u allura lanqas li kien hu li spara l-arma tan-nar peress li ma kienx ma` Vella u Scerri meta seħħew id-delitti.

**39.** L-appellant allura jikkonferma illi huwa kien rikeb fil-vettura WV Golf flimkien mal-Fraser u Buttuni u ghalkemm matul il-kors tat-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll fir-rikors ta' l-appell, jaghmel l-argument illi hu kien bilqieghda fuq quddiem fil-vettura hdejn ix-xufier Vella filwaqt li Scerri kien bilqieghda fuq wara, madanakollu fil-kors tax-xiehda tieghu ighid :-

*"... il-ftehim kien li noqghodu wara biex ikollna access ghal zewg bibien peress li l-Fraser kien ser ikun d-driver."*

---

[18] Folio 341 mix-xhieda traskritta tal-appellant matul il-ġuri.

**40.** Dan jfisser illi l-pjan kien illi l-Fraser kellu jibqa' fis-sedil tax-xufier sabiex ikunu jistghu jaharbu minnufih mix-xena filwaqt li hu u Scerri kellhom jinzlu mill-vettura biex jikkomettu s-serqa.

**41.** Madanakollu mir-rapport ta' l-espert Perit Richard Aquilina jirrizulta illi meta instabet il-vettura Golf gewwa Triq San Giljan, Birkirkara, din kellha t-twieqi tan-naha tax-xufier, tal-passiggier, kif ukoll dik ta' wara x-xufier imnizzlin, indikattiv (ghalkemm mhux konklussiv) li kien hemm tliet persuni fil-vettura u f'liema posizzjoni setghu kienu bil-qieghda fl-istess vettura.

**42.** Mill-provi indizzjarji u senjatament mill-i*stills* mahruga mill-camera C2 tal-fergha tal-Bank of Valletta dakinhar tal-kaz bejn il-ħin tal-05:24:05 sal-ħin 5:24:15 tidher il-bieba ta' wara s-sedil tax-xufier miftuħa. Il-Qorti tqis illi dan huwa kompatibbli mal-ftehim li kien hemm bejn il-malviventi illi x-xufier kellu jibqa' fil-vettura sabiex ikun jista' isuq minn fuq il-post.

**43.** Illi minn ezamijiet forensici li saru mill-esperti ballistici in relazzjoni mad-distanza tal-isparatura u tal-posizzjoni fejn instab l-iskartoċċ tat-tir sparat, johrog illi l-persuna li sparat l-arma tan-nar kienet fuq in-naha ta' barra tal-karrozza, in-naħa tax-xufier f'distanza ta' mhux aktar minn hames metri u bejn wieħed u ieħor f'nofs it-triq. Din il-prova cirkostanzjali trid tinqara ukoll flimkien ma' dak dikjarat mix-xhud Joseph Zammit li jafferma illi meta telqet il-vettura WV Golf minn hdejh li fiha kien hemm l-appellant flimkien mal-Buttuni u mal-Fraser biex jikkomettu s-serqa, l-appellant kien bilqeghda wara l-Fraser li kien qed isuq u ċioe` fuq in-naħa tal-bieba li tidher li nfetħet fuq ix-xena tad-delitt matul is-serqa u l-omiċidju.

**44.** Illi kif inghad l-i*stills* esebiti in atti fil-ħin bejn il-05:24:05 u 05:24:15 juru ċar li qed tinfetaħ il-bieba ta' wara tax-xufier, izda mhux dik tax-xufier. Fil-fatt f'dan il-mument id-dwal tal-brejks fuq in-naha ta' wara tal-vettura jidhru mixgħulin indikattiv allura li x-xufier kien ghadu bilqieghda fil-vettura. Fl-i*still* indikata bil-ħin 05:24:15, ghalkemm il-bieba in kwistjoni għada miftuħa, jidher li d-dawl tal-brejk intefa. Il-vettura in kwistjoni jidher li telqet minn fuq il-post fil-ħin ta' 05:24:17[19] u ċioe madwar żewġ sekondi wara li l-brejk tal-vettura in kwistjoni ma baqax iktar magħfus. Inoltre mir-ritratti li hadu l-esperti tax-xena tar-reat tal-vettura VW Golf[20], tidher ċara li l-forma tal-bieba ta' wara hija kompatibbli ma` dik tal-bieba li tidher miftuħa fuq l-i*still* imsemmi, a differenza tal-bieba tax-xufier li qeghda aktar lineari u fit-tul. Din il-prova waħedha hija ndikattiva wkoll tal-fatt li kien hemm tlieta min-nies mill-inqas li kienu preżenti matul is-serqa u l-omiċidju ta' Alphonse Ferriggi, fosthom l-appellant innifsu. Mhux biss izda fil-post fejn giet abbandunata l-VW Golf wara r-reat instabet loqma tas-sigaretti fejn fuqha kien hemm il-presenza tad-DNA tal-appellant[21].

**45.** Dan il-kwadru tal-fatti jirrendi ghal kollox inverosimili dak mistqarr mill-appellant illi huwa talab lill-komplici tieghu jwassluh id-dar fl-istadju ahhari u krucjali tal-esekuzzjoni tad-delitt meta huwa kien wiehed minn dawk in-nies li ppjanaw is-serqa u dan bl-iskuza li huwa kellu bzonn jixrob l-inbid, meta fi kliemu stess, hu kien diġa mar id-dar tiegħu ftit tal-ħin qabel fejn xorob flixkun sħiħ tal-inbid.

[19] Still tal-kamera C5.

[20] Ritratti mmarkati bħala 00CNNCA106 -122 formanti parti mir-rapport ta' PC1147 Antoine Fenech u PC46 Charlo Casha a folio 468 tal-atti kumpilatorji formanti parti mill-inkjesta maġisterjali.

[21] Rapport Matthew James Greenhalgh a fol.358 et. seq tal-process

**Ikkunsidrat** :

**46.** Illi huwa ndubitat illi l-appellant kien komplici fil-kommissjoni tas-serqa mill-fergha ta` l-Bank of Valletta ta' San Gwann. Dan il-fatt, kif inghad, mhux kontestat mill-appellant. Mill-provi ndizzjarji u anke mill-persuni li xehdu jirrizulta illi huwa kien anke prezenti fuq ix-xena tad-delitt. Illi ghalkemm l-appellant jichad illi kien jaf li kienet sejra tintuza arma tan-nar fis-serqa huwa ghal kollox inverosimili kif seta' kien riekeb f'vettura u ma nnotax arma tan-nar imdaqqsa bhalma hija ix-*shotgun* li intuzat biex biha safa` maqtul Ferriggi. Allura anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tikkoncedi illi l-appellant ma kienx il-persuna li spara l-arma tan-nar (kif jikkontendi hu) xortawahda dan ma jistax jesimi lill-appellant mir-responsabilita` penali ghar-reati li dwarhom huwa jinsab mixli, kemm fir-rwol tieghu ta` ko-awtur kif ukoll dak ta` komplici.

**47.** Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, izda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jigi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-

delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[22]"

**48.** Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat ghal fattispecje ta' dan il-kaz illi :

> **"Jekk hemm il-hsieb bejn zewg persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.**
>
> **Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.[23]**

Mhux biss izda:

> **'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll**

[22] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.

[23] Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter.

**bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[24]

**49**. Illi kif inghad aktar 'il fuq huwa stabbilit illi l-appellant kien wiehed mill-imhuh wara l-ftehim li sar bejnu u l-awturi l-ohra sabiex jigi kommess id-delitt. Kien hu li flimkien ma' Chris Scerri u James Vella fasslu pjan sabiex jisirqu il-basktijiet li fil-fehma taghhom kienu jikkontjenu l-flus minn fuq il-persuna ta' Alphonse Ferriggi li kien jasal kmieni fil-ghodu bil-konsenja l-bank. Kien l-appellant li haseb biex idahhal lil Joseph Zammit sabiex jassistihom fil-kommissjoni ta' l-istess ghaliex kien tal-fehma illi kien kapaci iharrabhom wara l-kommissjoni tad-delitt billi jistenniehom b'vettura ohra sabiex ma jaghtux fil-ghajn li kienu involuti fil-kommissjoni ta' l-istess. Mhux biss izda huwa stabbilit ukoll, kif diga` nghad, illi l-appellant kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt sabiex jassisti b'mod dirett fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan pre-ordinat, ghalkemm huwa baqa` jinnega illi kien prezenti u li spara lil Ferriggi.

**50.** L-appellant jishaq ukoll illi huwa ma kienx jaf illi l-komplici tieghu kellhom arma tan-nar fil-pussess taghhom, li ghalkemm hija skreditata mill-provi, madanakollu anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu xorta wahda dan ma jistax awtomatikament jezonerah mir-responsabbilta` penali ghall-konsegwenzi li sehhew.

[24] Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - Pulizija vs Joseph Scicluna app.inferjuri.

**51.** Fis-sentenzi fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**"[25] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi**" [26] għal dak li jirrigwarda kompliċita`, u l-korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-reat kien ddikjarat hekk :-

> **In materja ta' komplicita`, tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[27]:**
>
> **"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[28] puts the rule in the following words: 'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita' del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita' la quale e' inerente alle qualita' ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi' qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita' connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita' medesime.'**
>
> **"....when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**
>
> **"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**
>
> **"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original**

[25] Deċiża fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallfin Raymond Pace, David Scicluna u Joseph Zammit Mc Keon.
[26] Deċiża fl-24 ta' Frar 2014 mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Michael Mallia.
[27] Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.
[28] Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result[29].**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpetration, and being able to prevent it, did not do so."**

**52.** <u>Francesco Antolisei</u> wkoll josserva[30] :-

**"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera' considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio' eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**L-istess awtur jirreferi ghal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn gie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita' per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."**

[29] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.

[30] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969.

**53.** Fid-dawl tal-premess, jidher car illi min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur fid-delitt kommess, mhux kompliċi, ghalkemm jista' ikollok il-figura tat-tnejn fl-istess persuna bħal per eżempju l-persuna li tkun iffurmat il-pjan jew ħajret lil ħaddieħor jipparteċipa fid-delitt li sussegwentement pero' tipparteċipa hi wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom.

**54.** Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali allura l-figura tal-appellant tissarraf f'dik ta' ko-awtur fil-kommissjoni tad-delitt mertu ta' dana il-kaz, anke jekk l-appellant seta' ma kienx il-persuna li spara t-tir kif qed jallega. Dan ghaliex jekk huwa ppruvat illi l-appellant kien konsapevoli li kienet ser tintuza arma tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm ma jirrizultax ftehim ċar li persuna sejra tinqatel bl-arma li l-malviventi ikollhom fil-pussess taghhom waqt l-ezekuzzjoni, xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma lejn Ferriggi.

**Ikkunsidrat :**

**55.** Illi l-*actus reus* jew l-att materjali tad-delitt tal-omicidju jrid ikun akkumpanjat bl-intenzjoni li wieħed 'joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar', u dan fit-termini tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminal illi jinkorpora kemm l-intenzjoni speċifika u dik ġenerika. Illi allura min huwa msejjah biex jiġġudika l-fatti, irid jieħu in konsiderazzjoni l-provi kollha tal-każ, u jiddeduċi minn dawk il-provi, u miċ-ċirkostanzi tal-

istess, jekk minn ikkommetta l-att materjali kellux ukoll l-intenzjoni kriminali li jikkomettih.

> **'Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta'dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'[31].**

**56.** L-istess prinċipju kien riaffermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci</u>**" fejn inghad illi :-

> **'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu**

[31] Il-Pulizija Vs Farrugia Marco Galea, Kevin Micallef, Hubert u Mizzi Marcel - deċiża nhar il-31 ta' Mejju 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) – Imħallef Patrick Vella.

**anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.[32]'**

**57**. Illi kif diga` nghad kienu diversi x-xhieda illi stqarru li l-appellant kien tkellem maghhom kemm qabel kif ukoll wara d-delitt. Ghalkemm l-appellant jichad illi kien tkellem ma' shabu dwar il-hsieb li jaghmlu serqa fuq il-messaggier tal-bank, madanakollu ma jichadx illi kien tkellem dwar l-involviment tieghu wara li sehh id-delitt u li kien anke stqarr li kien hu li spara u qatel lil Ferriggi. Jishaq madanakollu li dan ghamlu ghaliex kien imgieghel minn James Vella, il-Fraser, u kien imbezza' minnu u ukoll, b'mod kontradittorju ghaliex ried jidher bhala 'eroj' mal-klikka ta` delinkwenti li kien jiffrekwenta. Fil-fatt ma jidhirx illi l-appellant kien qed jibza' mill-allegat theddid li kien qed isir fil-konfront tieghu minn Vella tenut kont illi fix-xiehda tieghu hu jimplika direttament lill-istess Vella fil-kommissjoni tar-reat u dan sabiex jezonera lilu innifsu.

**58.** L-appellant, allura, kif inghad jikkonċedi li kien kompliċi limitatament fil-kommissjoni tas-serqa li seħħet. Jidher car minn kliemu stess li saru ċerta preparamenti li kien involut fihom, ghalkemm jibqa' jiċħad kategorikament li hu kien tkellem ma` sħabu dwar din il-'biċċa xogħol' qabel is-serqa.

**59.** Rilevanti hija x-xiehda ta' Alexia Borg, li tistqarr li kif rat l-appellant dakinhar filgħodu ftit sigħat wara s-serqa u l-omiċidju ta' Ferriggi, innutat li hu kien abjad karti u meta' staqsietu x'kien ġralu kien wegibha bil-kliem 'naħseb li qtiltu'[33]. Din ix-xhud baqgħet konsistenti f'din id-deposizzjoni u kkonfermat ukoll li fil-mument meta

[32] Deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David.
[33] Folio 150 tax-xhieda traskritta ta' Alexia Borg matul il-ġuri.

stqarr dan id-diskors l-appellant ma kienx fis-sakra u b'hekk kien jaf x'qed jgħid[34].

**60**. Ix-xhud Justin Fenech, li bilkemm kien jaf lill-appellant fiż-żmien l-inċident, jistqarr li l-appellant ma kienx fis-sakra meta kien ammetta miegħu dwar l-omiċidju ta' Ferriggi u li meta sema` persuna oħra tiftaħar dwar dan id-dellitt, l-appellant infurmah illi dan l-individwu kien qed 'jibblaffja' peress illi hu kien responsabbli għar-reati in kwistjoni[35]. Mhux biss, izda meta Justin Fenech jikkonfronta lill-appellant bid-diskors li kien sema` minghand terzi fosthom Carmel Vella, maghruf bhala l-OK, dwar l-involviment tieghu fis-serqa, l-appellant jikkonferma il-veracita' tad-diskors.[36]

**Ikkunsidrat** :

**61.** Illi dawn il-konfessjonijiet extra-gudizzjarji maghmula mill-appellant, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma sorretti mill-provi l-ohra dwar d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. Huwa fatt inkontestat li d-delitt tal-omiċidju volontarju f'dan il-każ u konsegwentement tas-serq aggravat seħħet fi ftit sekondi. Il-provi juru wkoll illi l-vittma Ferriggi inqatel tlett sekondi wara li waslet il-vettura VW Golf fuq il-post. F'dan il-mument infetħet il-bieba ta` wara fuq in-naħa tax-xufier, u cioe' min-naha fejn Joseph Zammit ighid li ra lill-appellant qieghed jirkeb meta telqu minn hdejh.

**62.** Mix-xiehda tal-istess Zammit jirrizulta illi f'dan il-mument u cioe' meta l-appellant, flimkien ma' Vella u Scerri rikbu fil-vettura, huma ma

[34] Folio 157 tax-xhieda traskritta ta' Alexia Borg matul il-ġuri.
[35] Folio 284 et seq tax-xhieda traskritta ta' Justin Fenech matul il-ġuri.
[36] Folio 286 u 287 tax-xhieda traskritta ta' Justin Fenech matul il-ġuri b'referenza għal dak li kien xehed matul il-kumpilazzjoni.

kellhomx armi f'idejhom. Dan necessarjament ifisser illi l-arma tan-nar kienet diga' tinsab fil-vettura Golf li ntuzat fil-kommissjoni tar-reat.[37] Mill-filmati ma jidhirx illi nfethu xi bibien ohra tal-vettura qabel ma sehh il-qtil sabiex b'hekk huwa ndubitat illi l-arma kienet tinsab fil-vettura f'dan il-mument u mhux fil-bagoll.

**63.** L-isparatura sehhet biss ftit minuti wara li waslet il-vettura Golf fuq ix-xena tar-reat sabiex b'hekk certament il-persuna li ghamlet uzu minn din l-arma tan-nar ma setghetx hargitha mill-bagoll tal-vettura, izda kienet fuq gewwa l-abitakolu tal-vettura. L-appellant ghalhekk ma jistax ighid li hu ma kienx jaf bil-presenza ta' din l-arma tan-nar.

**64.** Jirriżulta wkoll li ma kien hemm l-ebda resistenza jew ritaljazzjoni minn Ferriggi, qabel ma sehhet is-serqa tal-basktijiet, tant li hekk kif il-vittma lemah il-malviventi, kien sparat it-tir fid-direzzjoni tieghu, sabiex b'hekk min kellu l-arma f'idu sparalu u l-vittma ma ngħatax ic-ċans jaħrab jew jistkenn mit-tir tas-senter li ħadlu ħajtu ftit minuti wara. Ma sar l-ebda tentattiv sabiex il-vittma jinħataf fizikament jew biex jittiehdu l-basktijiet qabel ma kien maqtul minn dak it-tir uniku li skont l-esperti li xehdu kien indubbjament immirat lejħ. Skont l-esperti ballistiċi rriżulta wkoll li l-arma li ntużat kien *senter semi-automatic* li jehtieg li jkun ikkargat qabel jiġi sparat. Wara li Ferriggi kien ferut bit-tir tal-arma li stendietu mal-art, il-vettura VW Golf tidher telqet minn fuq il-post ftit sekondi biss wara bl-aggressuri kollha ġo fiha.

**65.** Din il-Qorti hija tal-fehma li min kien preżenti fuq ix-xena tad-delitt u ċioe l-ko-awturi ta` dan l-omiċidju u ta` din is-serqa kienu lkoll konsapevoli ta` l-arma, tal-funzjoni u ta` l-iskop tagħha minn qabel ma

[37] Folio 199 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Zammit matul il-ġuri kif riprodott nhar l-4 ta' Mejju 2011.

marru l-bank. Dan ghaliex is-serqa saret b'heffa kbira, bil-vittma li jidher li ma kienx qed joffri ebda resistenza, f'dawk il-ftit waqtiet lanqas kellu c-cans jinduna b'dak li kien qed isehh u nqatel minnufih qabel ma sar ebda tentattiv mill-malviventi sabiex jippruvaw jiehdu ir-*res furtiva* mill-pussess tieghu. Dan ma jistax hlief ifisser illi l-qtil kien wiehed premeditat bl-appellanti u l-komplici tieghu jaslu fuq ix-xena armati, minnufih jisparaw lil Ferriggi sabiex dan ma jkunx ta' xkiel ghas-success tal-intenzjoni kriminuza taghhom u mbaghad jghaddu biex jehdulu l-basktijiet li, fil-fehma taghhom, kienu kontenenti l-flus. Dan huwa evidenzjat mill-fatt illi l-arma tan-nar fil-mument tal-esekuzzjoni tad-delitt kienet diga` fil-pussess tal-persuna li sparatha u kienet ikkargata tant illi hekk kif infethet il-bieba tal-karozza u nizel minnha l-qattiel, sehhet minnufih l-isparatura.

**66.** Maghdud ma' dawn il-fatti probatorji hemm cirkostanzi ohra li jippuntaw lejn dan il-pjan preordinat u cioe' l-fatt li giet f'idejhom l-vettura mikrija Mazda 121 Bubble, mislufa lil Vella, is-serqa tal-VW Golf min sidha ftit sigħat biss qabel ma seħħew dawn ir-reati, apparti l-evidenza tat-tbagħbis tas-serratura tat-*two way box* tal-bank minn persuna mhux identifikata ftit sigħat qabel is-serqa in kwistjoni, senjatament bejn il-ħinijiet tas-2:53:33 u 2:54:02[38], kif ukoll l-i*still* bil-ħin 2:53:33 u 2:54:02 fejn tidher fl-isfond vettura li tixbaħ l-għamla tal-Mażda *Bubble* li kienet diġa' fil-pussess tal-aggressuri jew min minnhom f'dawk il-ħinijiet. Il-vettura Mazda kienet ukoll dik li ntużat mill-aggressuri nkluż l-appellant, kif ikkonfermat minnu stess, sabiex imorru għal Joseph Zammit il-Floriana għall-ħabta tal-4:30am biex b'hekk l-erbgħa li huma (Scerri, Vella, Zammit u l-appellant) imorru lejn San Gwann ghall-fini tal-kommissjoni tas-serqa u tal-omiċidju ta' Ferriggi.

[38] Meħudin mill-Kamera C2 tal-Bank.

**Ikkunsidrat :**

**67.** Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ġurati setgħu legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li l-appellant kien responsabbli għall-omiċidju volontarju ta' Alphonse Ferriggi bħala awtur u konsegwentement tal-bqija tad-delitti l-oħra kif imsemmija mill-Avukat Generali fl-att tal-akkuża maħruġ kontra tiegħu, anke jekk ma kienx hu l-persuna li fizikament spara l-arma tan-nar li qatlet lil Alphonse Ferriggi.

**68.** Illi tenut kont ta` dawn il-konkluzjonijiet, madanakollu, din il-Qorti tistqarr illi lanqas ma tara l-ebda raguni li tista` twassalha titbieghed mill-fehma li lahqu l-gurati illi kien l-appellant li spara it-tir li qatel lil Ferriggi. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex l-appellant jammetti ma' shabu li kien hu li spara l-arma tan-nar izda wkoll ghaliex mix-xiehda ta' Joseph Zammit u mill-provi indizzjarji huwa stabbilit illi kien l-appellant il-persuna li kien bilqieghda fuq is-sedil ta' wara tal-vettura Golf, u li kien minn din in-naha tal-vettura illi l-qattiel nizel sabiex jispara lil Ferriggi.

**69.** Illi anke d-deċiżjoni tal-ġurati li jsibu lill-appellant ħati bħala kompliċi skont it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza hija wahda legalment u fattwalment sostanzjata mill-provi peress li mill-atti ma jirrizultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant li seraq il-vettura jew li kien prezenti meta din insterqet u cioe' li allura pparteċipa direttament fl-eżekuzzjoni ta' din is-serqa.

**70**. **Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**71.** Illi jifdal finalment li jigi trattat l-aħħar gravam sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti li jittratta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-għomor il-ħabs.

**72.** L-appellant ighid illi l-piena mposta fuqu kienet eċċessiva u mhux idoneja. Jagħmel referenza partikolari għall-importanza ta` l-aspett riformattiv tal-piena. Ighid illi apparti l-vizzju tad-droga u tax-xorb li kienu ħakmu ħajtu fiż-żmien tal-kaz, il-fedina penali tiegħu ma tirriflettix il-kommissjoni ta' reati serji. Din il-Qorti qed tkun mitluba wkoll tikkonsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali jekk tkun tal-fehma li l-piena kif erogata m'għandiex tiġi varjata.

**73.** Tajjeb jinghad li l-Ewwel Qorti waslet biex tinfliggi il-piena tal-ghomor il-habs wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet :

> **"Illi bil-mod kif ir-reati jinsabu assorbiti fit-tieni reat ghall-fini ta' piena jew ghaliex huma jikkostitwixxu diga' wiehed mill-aggravanti tar-reat taht it-Tieni Kap, jew ghax servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess dan ir-reat jew inkella ghax hemm il-konkors formali jew idejali bejniethom u bejn ir-reat taht it-Tieni Kap, din il-Qorti hija msejha biex teroga piena biss fil-konfront tar-reati taht it-Tieni Kap u taht is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.**
>
> **Illi skond l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali, il-hati ta' serq li jsir flimkien ma omicidju volontarju jehel il-piena ta' prigunerija ghall-ghomru. Il-ħati nstab ħati bħala komplici fit-tmien kap li skond l-artikolu 43 tal-istess Kodici, il-komplici jehel il-piena stabilita ghall-awtur. Dan qed jingħad għall-kompletezza biss dato dak li ntqal fil-paragrafu precedenti.**

Illi il-piena massima tar-reat kontemplat fis-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza bir-recidiva hija dik ta' tlett snin prigunerija li bir-regolari tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali tista' tizdied b'terz jew nofs taghha mal-piena tar-reat l-aktar gravi.

Dwar is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur, il-Qorti qed tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet.

Tassew li l-verdett ma ħarigx f'ħakka t'għajn iżda dan jista' jirrifletti kemm il-gurati ħasbu bir-reqqa fuq kull kap.

Għalkemm il-vot mhux unanimu taħt certi kapi (għax huwa unanimu fit-tieni u fit-tielet kap), fil-bqija tal-Kapi l-oħra il-vot huwa ta' 8 -1 li huwa ħafna qrib l-unanimita'.

L-abbli difensur issottometta li dan kien hold up li mar ħażin. Fil-fehma tal-Qorti biex il-hold ups ma jmorrux ħażin ma jsiru xejn mal-ewwel.

Dwar jekk il-partecipazzjoni tal-akkużat kinitx waħda sussidjarja jew le, il-Qorti għandha l-verdett car tal-gurija li fejn sabet li kien komplici qalet hekk bla tlaqliq u fejn sabet li huwa awtur għamlet l-istess. U allura l-Qorti hija marbuta b'dak li sabu l-gurati.

L-abbli difensur ssottometta wkoll li llum il-ħati għandu 44 sena u li ħareg mill-problema tad-droga. Il-Qorti tapprezza li dan huwa punt pożittiv iżda sar tard wisq meta kien diga' ħalla warajh ragel tal-familja miftum mill-qrabat ħesrem meta kien mar jaqla' l-ħobża ta' kull jum. S'intendi aħjar il-konverżjoni milli wieħed jibqa' bil-vizzju iżda dan ma jibdel xejn minn din l-istorja tragika li seħħet meta ragel fl-aqwa tiegħu nqered fi tliet sekondi kif jidher mill-filmat. Il-Qorti għadha maħsuda mill-istills hekk kif Alphonse Ferriggi filli bil-wieqfa filli minxur mal-art. Kien kap ta' familja mudell li bħalha għandna bżonn ħafna.

Il-fedina penali hija dik li hi u diga` turi li kien hemm vittma oħra tad-droga"

**74**. Illi din il-Qorti taqbel bis-shih taqbel ma' l-konkluzjonijiet ferm ghaqlija li ghamlet l-Ewwel Qorti.

**75.** Din il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt illi dan il-kaz kien jittratta prinċipalment il-qtil ta' persuna waqt il-qadi ta' dmirijietha, u li ma offriet l-ebda resistenza għall-intenzjoni kriminuza tal-aggressuri.

**76.** Din il-Qorti tishaq li l-piena trid necessarjament tirrifletti l-gravita' tar-reat kommess u l-impatt li kellu mhux biss fuq is-socjeta` in generali li nhasdet bil-qtil kiesah u biered ta' missier li hareg ghax-xoghol biex jaqla' l-ghejxien ghall-familja tieghu, izda ukoll fuq il-familja tal-vittma. Hadd m`ghandu jmur ghall-gurnata tax-xoghol tieghu bil-biza' u bir-riskju li ser jispicca maqtul talli jkun qed jaghmel ix-xoghol tieghu.

**77**. Il-fatt illi l-appellant kien fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat maħkum mill-vizzju tad-droga u tax-xorb ma tnaqqas assolutament xejn mir-responsabbilta' penali tieghu.

**78.** Tenut kont ukoll tal-verdett tal-ġurati fuq il-kapi kollha kif miġjuba kontra l-appellant, li kien kwazi wiehed unanimu, tqis illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

**79.** Illi dan premess il-Qorti ma tistax twarrab id-dettami mfassla mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' persuni kkundannati għall-għomor il-ħabs. Fil-fatt anke l-legislatur haseb sabiex jigi in linea mal-

pronunzjamenti li ghamlet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward, kif rifless fl-Abbozz ta' Ligi 199 tal-2017 li ghandu jintroduci l-artikolu 43A fil-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, liema abbozz ta' ligi, madanakollu ghal xi raguni waqaf fl-istadju tat-tieni qari.

**80**. Din il-Qorti (**<u>kif komposta</u>**) kellha diga` okkazjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt[39] meta iccitat d-decizjoni moghtija fl-appell ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri:-

> **"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għallpiena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti.**
>
> **F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn irrijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni".**
>
> **F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett. Illi, wara li**

[39] Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard, App.Sup., 27/03/2018

**l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'prison leave' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal- 33 Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "sabiex sentenza għall-għomor tkun komptibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza" u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni.[40]"**

**81.** Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena tal-għomor, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex  jaħsbu għal sitwazzjoni bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellant, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li tieħu provvediment sabiex jiġi indirizzat tali nuqqas fil-liġi.

**82.** Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-hsieb tal-legislatur kif intiz fl-artikolu il-gdid 43A ghal Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm ghadu ma jaghmilx parti mill-*corpus juris* ta' pajjizna, madanakollu qed jipprefigi terminu ta' tletin sena prigunerija ghal biex l-ikkundannat ikun jista' jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-imsemmi Att.

**83.** Illi allura din il-Qorti trid u tordna li, mal-għeluq taz-zmien ta' tletin sena (30) mid-data tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' l-liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ

[40] Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri deciza App. Sup. 30/11/2017.

tal-appellant ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkollu s-setgħa u d-dmir li jwettaq dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fuq riferit.

**84. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' l-għomor il-ħabs inflitta fuq l-appellant, huwa għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li jippermettu lill-appellant li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm -il darba jirriżultaw iċ- ċirkostanzi xierqa biex dan isir u in linea ma' dak hawn fuq deciz.**

Joseph Zammit McKeon

Agent President

Abigail Lofaro

Imhallef

Edwina Grima

Imhallef